MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-25 ta' April, 2005

Rikors Numru. 56/2000/1

**Kummissarju ta' l-Art**
**Vs**
**Theresa Sandra Magro**

Il-Bord,

1. Ra r-rikors,

F'liema rikors il-Kummissarju ta' l-Artijiet bir-rispett espona illi l-intimata giet notifikata b'Avviz ghall-ftehim datat 18 ta' Ottubru 2000 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond numru 51 fi Sqaq Brittaniku numru 1 f'Hal Tarxien, li mieghu jinkludi 1/6 mill-parti komuni huwa ta' elfejn sitt mija u sebghin lira Maltin (LM2,670) kif jidher mir-rapport tal-Perit Fred H. Valentino A&CE, ta' l-01 ta' Frar 1999 li kopja tieghu kienet annessa ma l-Avviz ghall-ftehim pprezentat mill-Kummissarju ta' l-Artijiet u mmarkata bhala 'DOK A'.

Illi b'ittra ufficcjali ta' l-01 ta' Novembru 2000 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikkjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta'  tnax il-elf lira Maltija (LM12,000). Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghbu jordna lill-intimata biex tittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabbilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Arijiet ghal-Skopijiet Pubblici (Kapitolu 88).

Ra r-risposta,

F'liema risposta ta' l-intimata gie ddikkjarat li bil-prezenti, Teresa Sandra Magro ta' 34, Flat 6, Sqaq Brittaniku 2, Tarxien, fl-ewwel lok taghmel riferenza ghall-avviz ta' ftehim komunikat lilha minn naha tal-Kummissarju ta' l-Artijiet fit-18 t'Ottubru 2000 u li gie lilha notifikat xi jiem qabel id-data ta' l-01 ta' Novembru 2000, li permezz ta' dan l-Avviz ghal-ftehim hija kienet giet infurmata illi l-kumpens li l-awtorita' kompetenti kienet lesta li thallas ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 51 fi Sqaq Brittaniku numru 1 f' Hal Tarxien, li mieghu jinkludi 1/6 mill-parti komuni huwa ta' elfejn sitt mija u sebghin lira Maltija (LM2,670).

Fit-tieni lok, il-mittenti ma taqbilx mar-rapport tal-Perit Fred H. Valentino A&CE ta' l-ewwel (1) ta' Frar 1999 u dan peress illi il-fond in kwistjoni jiswa hafna aktar minn elfejn sitt mija u sebghin lira Maltija (LM2,670) u dan meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni id-daqs u is-sitt fejn kien il-fond in kwistjoni u ghalhekk il-valur tal-fond in kwistjoni ghandu jkun ta' circa (LM12,000).

Illi ghaldaqstant il-mittenti, fil-waqt li tressaq l-oggezzjoni taghha ghall-istima ta' elfejn sitt mija u sebghin lira Maltija

(LM2,670) attribuita stante illi hija soma ferm inferjuri mill-prezz attwali ta’ l-istess, titlob ilii l-valur tal-fond li ghandu jithallas lilha ghall-fond aktar ‘il fuq indikat ghandu jkun ta’ tnax il-elf lira (LM 12,000).

Ra li l-intimata giet notifikata skond il-ligi.

Sema’ x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digrieti tieghu li bihom gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti li kklassifikaw l-art bhala fabbrikabbli u ffissaw il-kumpens fl-ammont ta’ tnax il-elf lira Maltija (LM12,000).

Jilqa’ it-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimata tghaddilu b’titolu ta’ xiri assolut bhala liberu u frank il-fond numru 51 fi Sqaq Brittaniku numru 1, Hal Tarxien li mieghu jinkludu 1/6 mill-parti komuni bil-kumpens ta’ tnax il-elf lira Maltija (LM 12,,000), jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun qed jaghmel mifloku biex jippubblika l-att fl-Ufficcju tar-rikorrent, nhar id-29 ta’ Lulju 2005 fid-09.00hrs u jahtar lid-Dottoressa Daniela Mangion biex tidher fuq l-att ghall-kontumaci; billi l-ammont mitlub mill-intimata hu l-istess bhal dak stabbilit mill-Bord, l-ispejjeztal-proceduri u tal-pubblikazzjoni jithallsu mir-rikorrent. Ir-relazzjoni taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------